# IL ĦABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, l'4 TA FRAR, 1913. NRU. 52.


*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## It-tieni sena.

Illum, bil ghajnuna t'Alla, dħalna fit-tieni sena tal *Ħabib*, li deher l'eŭŭel darba fl'eŭŭel ta Frar tas-sena l'oħra: u ghandna, kabel xejn, niżżu-ħajr lill Chittieba taghna, li, b'isimhom u b'xogholhom, taŭ xejra cbira lil din il gażetta. Min ma jaħdemx ghall klieħ, jaħdem actar bil ħrara: jeŭ, biex nif-tehmu aħjar, il ħrara ta min jaħdem biex jakla x'jecol hi bżonn u interess, fil ŭakt li ta min jaħdem biss ghall gid tar-Religjon u tal Poplu hi fidi u imħabba. Ma dan, imbaghd, ghandna inżidu li il Chittieba taghna—collha Sacerdoti mill'akŭa u Seculari il-fuk ħafna—barra milli ma jaħdmux fil *Ħabib* ghall klieħ, jeŭ ghall frugha, jeŭ ghall ġlied, huma ucoll ta ħila cbira u maghrufa minn cull-ħadd. Dan hu, mela, li tà xejra hecc kaŭŭija lill *Ħabib*: u mhux il ħila taghna, ghad li aħna, imsieħbin ma Chittieba li jaghmlu unur cull-fejn jersku u li jix-tiekuhom taħħom il gażetti ta cull ilsien u ta cull ghamla, u la stmerrej-na ix-xoghol (ŭisk actar jebes milli jidher) u inkas is-sacrificci ta cull xorta, biex inŭieġbu, jecc mhux bil ħeġġa tal moħħ, bil ħrara tal kalb, ghax-xeŭka tal *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li ghoġbu jiħ-tarna, fost tant nies aħjar minn'na li chellu mnejn jaghżel, biex immex-xu din il gażetta.

Ma naksux fis-sena li ghaddiet u inkas jonksu fis-sena li gejja il leŭm u it-tinghiż ghalina: u dan minn aŭl-id-dinja, ghax mita issir ħaġa ghall gid, actar ma tirnexxi, actar ix-xitan, jeŭ bit-tkankil tar-reghba, jeŭ bit-tixŭix tal ghira, jeŭ bit-tfantis tal cbu-rija, jara chif idaħħal denbu! Imm'aħ-na, li xagharna bjad fit-tmexxija tal gażetti bil Malti u li ħriġna il *Ħabib* taħt dan il Cumitat li semmejna, chif, snin ilu, conna ħriġna is-*Salib* taħt il *Cumitat tal Ghakda Antimassonica*, naħfru bħala nsara, naghdru bħala bniedmin u ninseŭ x'jinghad fukna m'illum ghal ghada, ghax hecc gho-ġob ll'Alla jatina kalbna—u niżżuħ-ħajr dejjem! Il Cumitat, li fiħ Mon-sinjuri, Magistrati, Professuri tal Uni-versità u tas-Seminarju, Tobba, Avu-cati, Banchieri u Gentlomi oħra, chitbilna, bħalma krajtu ftit ilu, *li hu cuntent ŭisk bil ħidma taghna, ghal collox u f'collox:* u dan hu biż-żejjed ghalina:

Il Karrejja, mil banda l'oħra—li, f'ħajjet Alla, huma bosta, ŭisk actar milli conna nistenneŭ, ghax il *Ħabib* ma iħajjarx bil baned, bil *foot-ball*, bil ġlied u bil partiti—il Karrejja ucoll, li fosthom hemm il ktajja tal ħaddiema u tan-nies tas-snajja, gheżież ghal kal-bna, ghax il *Ħabib* ghalihom joħroġ u aħna ghalihom irridu naħdmu, imma jinsabu mħalltin mal ghôla Cbarat ta Malta, Sacerdoti u Seculari—il Karrejja ma ureŭniex, f'din is-sena li ghaddiet ħlief tieba u cuntentizza.

Chien hemm ucoll xi tnejn jeŭ tlieta li baghtu ilumuna ghax karsit-hom xi ħaġa: imma chif ticcuntenta il cull-ħadd fid-dinja ?... Chiecu San Paŭl ghâx fi żmienna, chien isir Ġur-nalista—kâl Patri Urso (Alla jatiħ il Genna) fid-*Discors* li ghamel mita tkeghdet l'eŭŭel gebla tal *Juventutis Domus*: iżda ma ssugrax ighid li dac il Ġurnalista chien icun jaf isodd ħalk il ghemgumin collha! Hemm tajjeb li ghal cull ŭieħed minnhom, mija, u mitejn, u iżjed, jaghmlulec il kalb biex tissocta taħdem......

Nidħlu, mela, ghat-tieni sena, bit-tâma f'Alla u fil ħbieb collha li, mghe-junin mil Chittieba taghna u imfittxin mil Karrejja, incunu nistghu naghmlu xi ftit tal gid lin-nies tas-snajja u lill ħaddiema, flimchien mal *Cumitat tal Unjoni Cattolica*, li tant jaħdem gha-lihom.

## Pietru u Paûlu

(mil Latin ta *Venantius Fortunatus*, migjub fid-disa' ctieb ta *Cornelius a Lapide*).

Tal Genna daŭn il bŭieb, żeŭġ dŭal kaŭŭija
tax-Xirca nisranija:
Pietru bil kaŭs tal vleġġa iberrak kieghed
u Paŭlu b'fommu irieghed.

Cull-fejn kdusithom geŭ l'Appostli ibiddu,
it-tnejn eŭlenin jiddu:
ghôla fis-setgha Pietru, gheref Paŭlu
fit-taghlim cbir ta kaŭlu.

Klub il bniedmin Dac jaf imiss u irattab,
mal cŭiecheb Dan jixxattab;
u cull tifsir li 'l Ŭieħed f'Beltu iderri,
l'Ieħor mad-dinja igerri.

Dan jiftaħ dħul is-Sema bil gherf tieghu
u Dac bl'imfietaħ mieghu,
ghax Paŭlu 't-triek li tŭasslec fejn tithenna
u Pietru 'l bieb tal Genna.

Kieghdin bħal żeŭġ ti sŭar kuddiem l'eghdeŭŭa,
ta Ruma Sjed, Tŭemmin tad-dinja seŭŭa.

*Frar tal 1913.*

G. MUSCAT-AZZOPARDI.

## IL LSIEN MALTI U 'L MAROCCHIN.

Is-sajf li għadda giè taħt idejja ctieb bl-Ispanjol biex fuku ŭieħed jitgħallem il lsien marocchin. Sibt fiħ mijiet ta cliem u fra-sijet li jakblu ma'l malti. Ġbart xi mija minnhom u fukhom ctibt articolu fil *Ħabib*. Dan l-articolu ngħoġob lil bosta minn ħbiebi, li ferħuli fuku u ħajjruni nicteb xi oħrajn bħalu fuk il Malti u bil Malti. Min chien jobsor li dac l-articolu chellu jkajjem għa-lija tempesta ta cliem minn ŭieħed li ma għandux il curaġġ juri ismu u nħeba taħt dac ta *Leo Nardo*! U li saŭŭat lili biss, ma chien icun fiha xejn. Is-sŭat tiegħu lili ma jŭeġġagħnix. Iżda miegħi ŭeħlu ucoll bla ħtija Monsinjur Psaila, id-Direttur tal *Ħabib*, il chittieba tiegħu u 'l karrejja ŭcoll. *Il Ħabib m'hux giurnal sêrju*, għaliex mictub bil Malti, li ma hux lsien sêrju, u *il karrejja tiegħu actarx ħafna ħmir.* Jien *pinnur, li jdur ma cull riħ; bil malti ma nafx nicteb; minn ħamsin sena l-haŭn ma ctibtx dejjem xorta ŭaħda; irrid inkarrak b'il poplu għal finijiet ta moħħi; għandi rasi cbira*, u ħafna ŭard ieħor bħal dan.

Jien ma ŭiegibtx s'issa, għaliex stennejt li hu se'r jitchellem fuk il Lsien Malti u 'l Marocchin. Iżda fi tliet ħargiet, fuk ix-xebħ ta daŭn l-ilsna chelma li hi chelma ma kalx. Sur *Leo Nardo*, il cliem marocchin, li jiena gibt fil *Ħabib* jakbel ma'l malti jeŭ ma jakbelx? Jecc jakbel, kieghed tħanbak għal xejn; jecc ma jakbelx, għaliex ma tgħedilniex fiex? Minn da'd-dilemma ma toħroġx. Jakbel jeŭ ma jakbelx? *That is the question.*

Fuk il malti, mhux biex niftaħar, iżda biex ngħarraf lill *Leo Nardo*, jien ctibt bosta bil malti, bit-taljan u bl'inglis, u katt ma bżajt mill critica u katt ma nħbejt ŭara sebgħi Fis-*Società Storica e Scientifica* krajt, ma ilux, discors bit-*taljan* SUGLI ELEMENTI COSTITUTIVI DEL LINGUAGGIO MALTESE. Kuddiem l-istess Società krajt discors ieħor, bl-*inglis*, ON THE SIMILARITY OF MALTESE NAMES OF PLACES AND THOSE OF WESTERN PALESTINE, fejn ŭrejt ix-xebħ tal lsien malti antic mal lsien antic tan-nies li chienu jgħammru fil Palestina. Xi tridni ngħidlec? Nistkarr li minn ċcuniti il Malti ħabbejtu u għâdni nħobbu; studjajtu għomri collu u jecc għad li għâdni nistudiaħ sall'um ma tgħallimtux biżżejjed, sinjal li rasi ma tatinix. Biss ma naħmilx min jmakdru bla ma jafu. X'inhu il Malti illum? U x'chien tliett elef sena ilu? Chien, u għâdu, u jibka' dialett semiticu li gebuh magħhom l-eŭŭel nies li għammru il gżejjer tagħna, li chienu geŭ, jeŭ mill Lvant, jeŭ minn-Nofs inhar, ħadd ma jaf seŭŭa. Iż-żmenijiet tbiddlu; iżda il lsien malti baka' dac li chien. Biss issellef cliem ġdid għall ħŭejjeġ u ħsebijiet ġodda. U mnejn issellfu da'l cliem ġdid? Ftit jeŭ ŭisk minn cullimchien; iżda, billi chellna x'naksmu actar ma l'Italja (u actarx ma Skallija) nchella ma pajjisi oħra (*La Storia di Malta è una pagina della Storia di Sicilia.* NICOLA ZAMMIT) ġara li il cliem il ġdid issellifnieh mit-taljan u actarx mill-iskalli. Darba, fettilli ngħodd xi chemm għandna cliem taljan jeŭ skalli (li m'hux għarbi) fil malti. Sibt fuk it-tmient elef. Da'l cliem x'ħin jidħol fil Malti, ftit jeŭ ŭisk jitgħaŭŭeġ, u jieħu għamla tal cliem malti eŭlieni. Iżda dat-tagħŭiġ ma jsirx chif giè giè, jeŭ chif ŭieħed jfittillu. Għandu il ligijiet tiegħu. Daŭn il ligijiet jien fittixthom u sibthom; u, jecc Alla jislifni għomor, għad nistampahom. Bihom jista' ŭieħed jcun jagħraf, bla ma jcun jaf chelma bit-taljan, jecc chelma maltija hijiex gejja mit-taljan jeŭ le; u hecc jcun jista' jitgħallem eluf ta cliem taljan ŭaħdu u bla tbatija.

Jdaħħcuni daŭc li jaħsbu li haŭn min jrid jekred il cliem taljan mil-malti. Chif jista' jcun dan? Jaħtieġ kabel li aħna niċħdu iċ-civiltà u li Storia tagħna. *E questo fia suggell che ogni uom sganni.* Imma niftiehmu seŭŭa. Min jrid jicteb bil malti għall poplu malti, meta jcun hemm il chelma maltija li jifhimha cullħadd, ma għandux jŭarrabha biex jkiegħed f'lôcha chelma taljana li jifhmuha biss daŭc li jafu bit-taljan. Jien għalija dejjem hecc għamilt. U nixtiek li *Leo Nardo*, u jecc haŭn oħrajn li jaħsbu bħalu, jsibuli fil malti li ctibt minn ħamsin sena l-haŭn, chelma ŭaħda li ma jifhmuhiex il maltin collha ta Malta.

Cull deni ħudu b'gid. Li ma chienx *Leo Nardo* jeŭ min seŭŭsu għalija u għall *Ħabib*, chiecu *forsi* ma chienx jcolli l-*opportunità* li *nesprimi* l-*opinioni* tiegħi fuk l-*origini* u li *svilupp* tad-*dialett* malti li *assimila quantità considerevoli* ta *nomi*, *verbi*, *agettivi* u *avverbi taljani* biex jimxi maċ-*civiltà*, bla ma *altera però* il *grammatica*, u *particolarment* is-*Sintassi primitiva* tiegħu.

N. TAGLIAFERRO.

# Akrau.

*(jissocta fuk in-numru 51)*

*Aulo Metellio* għad irid jiskina! *Leo Nardo* għajjarna bil ġurnal, li m'hux *serju*; *Aulo Metellio* jgħaddi actar il kuddiem u jgħajjarna, li m'hux *onest*. X'igħid *Leo Nardo* għal daŭn «*l'insinuazionijet maligni*»? Aħna eŭŭilla li nagħmluhom jeŭ inchella oħrajn jagħlumhom fukna? Ma chienx icun aħjar li il priedca fuk il «*carità*» ta nhar il *Conversjoni* għamilha lil sieħbu *Aulo Metellio*? Imma nħalluna minn dan, li fil ŭakt li nŭiddbu lil oħrajn ma nsirux agħar minnhom aħna, u nakbdu fil ġurnal, li jagħmel ħazin min jinkeda' bih biex imakdar u icecchen lil oħrajn u ifaħħar u jgħolli lilu in-nifsu. «*Din m'hix il missioni vera ta li stampa*», ngħid bil cliem ta *Aulo Metellio.*

Immorru mela għal *Ħabib*, li jecc m'hux *serju* u fuk collox jecc m'hux *onest*, m'għandux jiġri f'idejn id-*dghajfin karrejja* tiegħu, chif għoġbu isejjħilhom *Leo Nardo*, li kal għalih in-nifsu: «*insolenzi personali jena.... ma inix capaci naghmel....*»

Il *Ħabib* m'hux *onest*?! kal *Aulo Metellio* u kal ucoll għaliex: «....*naraŭ culljum.... ighejbu id-drittijet taghna....Xi ġurnal malti li ghandna* (ismu ma isemmihx għax min m'hux seŭŭa, *onest*, ma jistħokklux) *ankas biss ma jicteb, ankas biss ma jitniffes ...*» *Aulo Metellio* jakrah il *Ħabib*? Ma donnux, għax chiecu chien igħid bil maklub għalih. X'chienu il *qŭistjonijet*, li l'actar issemmeŭ u chitbu fukhom is-sena li għaddiet? Daŭc tal *Emigrazjoni*, tal *Industrija* u l'oħrajn li kankal ir-*Rapport tal Cumissjonarji tar-Re*, jeŭ tar-roħs tad-dazju fuk il kmugħ, tat-taxxi ġodda, u tal malti fil Krati ta isfel. U'l *Ħabib* ma rakadx, ma sichitx, «*bħallichiecu il patria ma tesistix, jeu il chittieba tighu ma humiex maltin.*» Għal eŭŭel *qŭistjoni*, biex isamma' iż-żeŭġ kniepel, billi il pajjis ma chienx ta fehma ŭaħda, u ħalli ucoll di'l *qŭistjoni* tcun mgħarbla seŭŭa, fetaħ il *colonni* tiegħu lil chemm il chittieb, u collha tal katgħa. Chitbu fukha il Prof. Manchè, is-Sur W. Agius, id-Direttur tal *Gazzetta di Malta* l'Avv. Mizzi u oħrajn. Mux biss, imma fuk li igħid il proverbju: Saksi l'imġarrab, gieb fukhom l'ittri ta chemm l'*emigrat*, li chienu jistgħu jatu id-daŭl lil daŭc, li għal «*isem u il gid ta pajjishom*» chienu ndaħlu għall *emigrazioni* u kegħdin jictbu fukha. Fuk it-tieni *qŭistjoni* chiteb fil *Ħabib* is-Sur N. Tagliaferro. Finnumru 25 *l'articlu "X'conna nibagħtu barra minn Malta dari u x'nibagħtu illum"* hŭa tiegħu. Fih tchellem fuk ix-xogħol tal bizzilla u ŭera' x'imissu isir, biex ma nitilfuhx għal collox, chif ma ndumux, jecc ma naraŭx x'nagħmlu. Fuk il Biedja, li hi l'akŭa *industrija* għal Malta, ma ngħidx chemm chitbu, għax nchella ma nispiċċa katt. Nsemmi biss fost l'oħrajn lis-Sur G. Micallef, lis-Sur W. Agius, lis-sur U. Randon u lil Dun V. Vassallo. Is-Sur Houswin u is-Sur Abela chellhom mill *Ħabib* tifħir cbir għal fabbrichi li ŭakkfu, il ŭieħed għal conserva tat-tadam u tal frott, u l'ieħor biex jiġbor iċ-ċraret u jibagħthom barra tajjar. U bħalhom, cull min għamel xi ħaġa ta fejda għal pajjis sab fil *Ħabib* ħabib tasseŭ li kaŭŭilu kalbu. Imma fuk dan biż-żejjed u ngħaddu għal *qŭistjonijet* li kankal ir-*Rapport* tal *Cummissjonarji tar-Re*, li huma tar-roħs tad-dazju fuk il kmugħ, tat-taxxi ġodda u tal malti fil Krati ta isfel. Maħbub *Direttur*, daŭn il *qŭistjonijet* ridthom għalic; l'imħabba ta pajjisec u'x-xeŭka tal gid tiegħu ma ħalleŭcx terħihom minn idejc. U chtibt fukhom, chtibt chemm flaħt b'ħila u kaŭŭa liema bħalhom. U għad li urejt fihom kima cbira għal ilsien malti,li slittha bis-sħiħ magħ daŭc li riedu jitfgħuh ġol chcina jeŭ jgħalkuh geŭŭa il Mandraġġ, iżda din ma għamiticx ŭarajħ; għax ma ridtux geŭŭa il Krati ta isfel, għax m'hux *il-lingŭa tal educazioni* tal avvucati, ngħidu aħna li tgħallmu biha, u għalhecc il Magistrati idaħħcu bihom li chienu jaktgħu *is-sintenzi* bil malti. Bakagħli. Il *Gazetta di Malta* daŭ 'l ġranet kanklet il *qŭistjoni* tal *Appell* fil *Cauzi Criminali.* Kiegħed niftacar li inti cont tchellimt fukha fil *Conferenza* li għamilt lil imsieħbin tal Unjoni u ctibt għal karreija tal *Ħabib.*

U ŭara dan collu *Aulo Metellio* icollu il ŭiċċ jissocta igħid li il *Ħabib* «*ankas biss ma jicteb, ankas biss ma jitniffes, bhallichiecu il patria ma tesistix, jeu il chittieba tighu ma humiex maltin*»? Jakaŭ irid li il *Ħabib* jindaħal fil *pulitca*, iżomm magħ dan jeŭ magħ dac il *partit*? Fuk dan għal darb'oħra.

(*Jissocta*) DUN PAŬL.

# Recita sabiħa.

Monsinjur Arciskof-Iskof Pietru Paċ, nhar il Ħamis, 30 tax-xahar, ried junura bil presenza tieghu l'Unjoni Cattolica, fejn saret rappresentazzjoni ghaliħ mil brava Cumpanija *La Concordia*, ŭara stedina ta dac il Cumitat.

Ma Monsinjur Iskof, ħafna nies oħra chienu presenti mill'aħjar tas-Società u fost l'oħrajn Canonici tal Catidral, Cappillani, Sacerdoti, Nobbli, Avucati, Tobba u bħal daŭn. Id-Dramm maghżul chien *Iż-Żeŭġ Surgenti*, ŭaħda mill'isbaħ produzjonijet teatrali; specjalment, imbaghad, chif ħadmuħ daŭc il bravi Atturi, bl'ictar rekka u ghakal cbir. Biż-żejjed nghidu li fit-tieni att ftit chien hemm min ma bichiex.

Ma nokoghdux insemmu l'atturi fix-xoghol taħħom, biex ma ntaŭŭlux: nghidu biss l'isem tal principali u mieghu inżidu tifħir u unur. Chienu: is-Sur Mercieca, *Conti D'Altavilla*; is-Sur Argento, *Gulielmu*; is-Sur Dimech, *Robertu*; is-Sur Cassar, *Valentinu*; is-Sur Cumbo, *Sofija*; is-Sur Scicluna, *Valmore*; is-Sur Camilleri, *Gustavu*; u is-Sur Borġ, *Laŭretta.*

Ŭara id-Dramm, saret farsa sabiħa tasseŭ—*Li Statŭa*—fejn cullħadd nesa il bichi u daħac chemm felaħ.

Ghandna pjacir illi dina l'occażjoni serviet biex in-nies tas-Società ghôlja taghna setghu jaraŭ x'in hu li isir fl'*Unjoni Cattolica* u chif isir: chemm tas-seŭ ta scola u divertiment sabiħ lill Poplu.

Ŭara li spiċċa id-Dramm, Monsinjur Arciskof-Iskof, bi tieba ta Missier u bi ħleŭŭa ta Anġlu, daħal fil camra li tati ghall palcuxenicu, accumpanjat mil President taċ-Circlu: u hemm feraħ ħafna bid-Dilettanti, li bisulu idejħ ŭieħed-ŭieħed.

M. P. G.

# Il Cungress ta Londra.

(10)

*Il Kuddiesa sullenni.*

Spiċċat il funzjoni tal eŭŭel ġurnata tal Cungress ta Londra, l'erbgha fil ghaxija, li fiha inkraŭ l'Ittra tal Papa u l'indirizzi tal Cardinal Vanutelli u tal Arci-Iskof ta Londra. L'ghada fil ghodu, il ħamis, chellha tibda funzjoni oħra, funzjoni ictar sullenni, il funzjoni tal kuddiesa. F'din il funzjoni tal ħamis, il Cungress ta Londra ħa aspett ieħor, il ghaliex fiha dehret ghakda tant cbira ta imħabba bejn daŭc in-nies collha li ħadu sehem fil Cungress, m'hux biss, ma anchi fost in-nazzjonijet collha li hemmhecc chienu irrappresentati. Il kuddiesa sullenni chellha tibda fid-disgha ta fil ghodu, chellu ikaddes l'Arci-Iskof ta Parigi,(*) qŭantità ta Sacerdoti franciżi u belgjani, imlibbsa bis-suttana taħħom, chienu jinsabu ma ċŭaru biex lilu jassistu. Mijet ta sinjuri, irgiel u nisa, ucoll franciżi, chienu presenti. Tant chien hemm franciżi f'dan il Cungress, li cont tistħajjlec kieghed m'hux le l'Inghilterra fil Belt ta Londra, ma fi Franza, fil Belt ta Parigi. Imma il Cungress ta Londra, bħalma kâl il Cardinal fl'Indirizz tieghu, chellu icun Cungress tan-Nazzjonijet collha, ghalhecc ghall funzjoni tal kuddiesa sullenni inġabru geŭŭa

(*) Il Cardinal Amette, ragel mill'acbar li ghandha id-dinja, ghal collox u f'collox, u li actarx naraŭħ haŭn Malta.

ID-DIREZZJONI.

il Catidral m'hux biss Franċiżi u Ingliżi, ma anchi minn cull nazzjon. Hemmhecc chienu jinsabu Germaniżi, Spanjoli, Taljani, Grieghi, Ciniżi, Indjani, Ġapponiżi, Africani, Americani. Hemmhecc chienu jinsabu Sacerdoti u Seculari, Kassisin u Patrijet. Hemmhecc chienu jinsabu irgiel u nisa, cbar u żghar, cull-ħadd jassisti mal funzjoni, cull-ħadd bil libsa tieghu differenti minn xulxin. Imma dac li l'actar chien tal ghageb chienet id-devozzjoni tant cbira ta dic il migimgha collha, minghajr ħadd ma jitniffes, cull-ħadd miġbur fiħ in-nifsu bida jitlob lill'Alla. Huma inġabru hemmhecc biex isibu lill'Alla, biex jitolbu, biex jassistu mas-sacrificcju etern tal kuddiesa, li stess ŭieħed bla ma jista jinkasam mad-dinja collha.

Liema cobor u ġmiel imkaddes ma chellhiex il funzjoni tal Ħamis fil ghodu, li ma insibuħx fil funzjoni tal Erbgha fil ghaxija! Fil funzjoni tal Erbgha fil ghaxija, ma contx tista tara seŭŭa dac it-tiżŭik tant sabiħ ta culuri, ta lbies, ta splenduri; ghalchemm il Catidral chien imdaŭŭal mill'iżjed, imma fil funzjoni tal Ħamis, billi saret bi-nhar, fid-daŭl tax-xemx, chienet tidher aħjar dina ix-xena collha. Ix-xemx bir-raġġi sbieħ taħħa chixfet daŭc il culuri collha ta lbies li chienu jinsabu geŭŭa dac it-tempju, ilbies vjola, crema, aħmar, abjad, minn cull leŭn, ornamenti tant sbieħ, apparati tad-deheb tal abiti sagri tal Ministri, lbies tant sabiħ tal Prelati u il ħŭejjeġ differenti li igibu fukhom l'Ordnijet religiusi, il Benedettini bil libsa seŭda taħħom, il Frangiscani bil libsa scura, il Premonstratensi bil libsa bajda, il Carmlitani, id-Dumnicani, l'Agostinjani, l'Assunzjonisti, cull-ħadd bil libsa tieghu ta culur differnti. Il Processjoni ghall'artal imkaddes chienet ħaġa tal ghageb: l'Arci-Iskof ta Parigi bil cappa, l'Arci-Iskfijet l'oħra li chienu kieghdin jaccompanjaŭħ, l'Iskfijet, l'Abbati, il Canonici u il Cappillani collha tal Catidral bis-segŭitu taħħom collu imxeŭ lejn l'artal, fejn chellha issir il kuddiesa. Indakk terzett, bdiet il kuddiesa sullenni, cull-ħadd mixħut fl'art bida jitlob. Cull ħaġa li saret f'din il funzjoni devota, saret bi preċiżjoni l'actar cbira u il mużica, li chienet collha ta stil franċiż, chienet mill'actar sullenni.

(*Jissocta*) DUN ANTON VELLA, D.D.
*Cappillan ta ħal Luka.*

# Ma dûar il Gżira.

Nizżu-ħajr bil kima taghna collha seŭŭa ll'Eccellentissimu Arci-Iskof ta Malta u seŭŭa ll'Eccellentissimu Iskof ta Ghaŭdex, talli il Ŭieħed u l'Ieħor ghoġobhom jibaghtulna il Pasturali li ħarġu fuk is-saŭm tar-Randan. Li chienu daŭc it-tŭiddibiet gheżież u imkaddsa jiġu mismugha chif imisshom mil Cattolici taż-żeŭġ Gżejjer!

—Il *Cumitat tal Unjoni Cattolica* jixtiek ifiehem lil daŭc l'imsieħbin li bakghu l'ura fil ħlas tal gimghat chemm jakblilhom li, sal aħħar ta marzu, jeŭ l'actar fix-xahar t'april, icunu ħallsu, *imkar biċċa biċċa*, dac li ghandhom jatu, ghax, scond ir-Regulamenti, li ma jista jcisirhom ħadd u li Cumitat jaħtieġlu iħarishom bir-rekka collha, min, fl'eŭŭel ta mejju, icun *tliet gimghat l'ura*, ma icollux actar jedd ghall ghajnuna, la fil mard u inkas f'ghaŭġ ieħor. Nitolbu, mela, l'imsieħbin ħaddiema u tas-snajja li idaħħlu tajjeb din il ħaġa f'rashom.

—La kieghdin insemmu l'*Unjoni Cattolica*, irridu nghidu li, fl'aħħar lakgha tal Cumitat, is-Sur Walter Agius, ragel tad-dehen u bieżel, li iħobb jaħdem tas-seŭ ghall Poplu, giè maghżul b'Teżorier taċ-Circlu, f'lôc is-Sur Dŭardu Galea, li ħalla; u Segretarju, f'lôc is-Sur Walter Agius, giè maghmul l'Avucat Enricu Frendu, żaghżuħ ta ħegga cbira. Nifirħu lîlhom u lill Cumitat li gharaf jiħtarhom.

—Fil ħdud tar-Randan, f'lôc rappresentazzjonijet fit-teatrin, isiru ħames Cunferenzi Sagri minn ħames Sacerdoti f'li stess sala taċ-Circlu tal Unjoni Cattolica; u fl'aħħar gimgha ta kabel *Ħadd il palm*, isiru l'Esercizzi ghall'imsieħbin, b'thejjija ghat-tkarbina tal Precett.

—Daŭc li ma gibniex l'articoli taħħom, minghajr ma nokoghdu nsemmuhom ŭieħed ŭieħed, jaħtieġ li jaghdruna collha. Il gimgha id-dieħla naghmlu paci ma cull-ħadd.

—Kalbna maghsura ghad-disgrazzja cbira li ġrat lis-Sur Giuseppi Lupi, żaghżuħ mill'aħjar fir-Religjon u fl'imgieba tieghu (dan nistghu nghiduħ b'ŭiċċna minn kuddiem, ghax conna nafuħ mil krib ħafna) natu il ghomor lill missieru il Perit Annibbali Lupi, ħabib ghażiż taghna: u nisguraŭħ li maghna gheliet ghaliħ il Belt collha.

—Nhar it-tnejn li gejjin, taħbat il festa tan-Naŭfragju ta San Paŭl: il festa tal Maltin: il *Ħabib* jaghmilha bin-nitfa ta poeżija li gibna fl'eŭŭel faċċata ta llum.

## Dichjarazjoni.

Bħala President tal *Unjoni Cattolica*, niddichiara u nistkarr li Direttur tal *Ħabib* hu biss il Cav. G. Muscat-Azzopardi u li ħadd mil Cumitat ta din l' *Unjoni* ma jindaħallu fit-tmexxija tal gażetta taghna: nista ucoll inżid li hu ma iħallix tidher chelma fil *Ħabib*, inkas semplici Avviż tas-Segretarju tal *Unjoni*, jecc ma tghaddix minn taħt idejħ u toghġob lilu.

Fit-2 ta Frar.

ANTONIO LANZON,
*President.*

## Ma dûar id-dinja.

*Brażil*—Il ghamla tad-*Dreadnoughts* ghoġbot lin-nazjonijet collha; saħansitra il Brażil bena ŭaħda, li giet varata ftit ġranet ilu f'Elswick u giet imsemmija *Rio Janeiro.*

*Russja*—Il Cżarevich, Princep ereditarju tar-Russja, li beżghu li chellu imut kasir il ghomor ghall ħarxa marda li chellu, issa jinsab barra mil periclu. Iżda ommu, il Cżarina, ghadha f'li stess periclu u il Cbarat ta ma dŭarha imbeżżghin ŭisk ghaliha.

*Delhi* (Indja)—Il Vici-Re tal Indja, Lord Hardinge, li ghal ftit ma chienx baka vittima ta attentat, meta sparaŭlu, issa jinsab imfejjak, u daŭn il ġranet flimchien ma Lady Hardinge ippresenta-ruħu fil Camra tal Consill. Malli iffaċċa, giè milkuħ b'applaŭs li dàm minuta sħiħa.

Żeŭġ Membri a nom tal Camra fisrulu chemm cull-ħadd iddispjaciħ u stmerr iddelitt: u f'li stess żmien il cbir ferħ taħħom li raġghu raŭħ fosthom.—Il Vici-Re irringrazzjahom bil kalb collha ghall ferħ li ferħulu u kallhom li chien jixtiek jieħu b'id cull ŭieħed minnhom; iżda drieghu ghadu debboli mil ferita. Hu, imbghad, raġa ħalla il Camra fost applaŭs ieħor.

*Inghilterra*—Billi il Gvern ġabar l'abbozz ta ligi fuk l'elezzjonijet, in-nisa suffragisti raġghu ixxeŭŭxu: bosta minnhom chissru iżżgieġ ta Palazzi u ta ħŭienet, u saru ħafna arresti.

*Gŭerra*—Kasir żmien chellha it-tama li il paci bejn it-Turchija u li Stati tal Balcani chienet ghoddha tghakkdet. Xi uħud mil Poplu, billi gharfu li il Gvern ta Costantinopoli chien iccuntenta li iciedi Adrjanopoli, irvellaŭ: il Prim Ministru Nażim Paxà giè moktul u l'oħrajn chellhom iħallu.—Scond ma chiteb il corrispondent tal *Graphic* li rvell ġara hecc:—Enver Bej (li chien Generalissimu Tripli), flimchien ma oħrajn, ried jidħol fuk żiemel il Palazz tal Gran-Viżir, fejn il Ministri chienu miġbura f'Cunsill. L'Ajjutant ta Kjamil Paxà żammlu jebes biex ma jidħolx, imma giè moktul, chif moktulin geŭ ucoll Nażim Paxà stess, b'balla fi ġbinu, u puliziott segriet. Il Ministri l'oħra, imbaghd, chellhom iħallu —u hecc giè maghkud ministeru ġdid. Ŭara dan il fatt, id-Delegati ta li Stati tal Balcani katghu kalbhom li tista tinghakad il paci, u ghaldakstant ŭieħed mid-Delegati tà f'idejn id-Delegati Toroc nota, li biha geŭ mgharrfin li il ftehim ghall Paci ma jissoctax. Ighidu li ġà hemm l'ordni li il gŭerra tcompli, ghad li in-nota tat-Turchija lill Potenzi giet actar minġura. Min chien katt jaħseb! Intant l'Inghilterra ġà baghtet xi fregati f'daŭc in-naħiet u hecc ucoll hi lesta biex taghmel Franza.

*Gharka*—Il vapur Franciż *Phyrne* mill'Argiel ghal Rouen gharrak il bastiment germaniż ta erba' arbli *Pangani*, li chien sejjer Valparaiso: gherku tletin ruħ; u salvaŭ erbgha biss. L.M.C.G.

## Draŭŭiet taghna.

Daŭn l'articuli li kieghed jibghatilna ir-Reverendu Sacerdot Dun Giusepp Farrugia, ŭieħed mill'aħjar chittieba tal Malti, fuk id-*Draŭŭiet (usanzi* jeŭ *custumi* isejjħulhom in-nies tal bliet) ta daŭn il Gżejjer, sejjrin icunu ma min jicsibhom u jaghmilhom ctieb, ghax ta bosta* minnhom, tista tghid ta collha, barra mil *ġrajja* il Chittieb kieghed jati li *storja* bin-nisel taħħa u bit-taklib li tkallbet minn ras il ghajn sa'llum: u mhux biċ-ċajt, chif jista jaħseb min ma jifhemx, imma bit-tiftix f'cotba kodma u barranin, xoghol li jitlob iż-żmien, id-dehen u il ħabta.

Ghal hecc, mela, ghamilna f'rasna li nibdeŭ niġbruhom taħt l'isem ta DRAŬŬIET TAGHNA: u ghandna ghokla f'kalbna li ma ħsibnihiex mill'eŭŭel, ghax s'issa ħallejna mxerrdin ħafna (tal *Milied*, ta li *Strina*, tal *Ghid tal imŭiet*, ta *San Martin* u oħrajn).

### IL CANDLORA

Din it-tifchira ghażiża issîr m'hux biss f'Malta, iżda ucoll fil pajjiżi tad-dinja collha, cull-fejn hemm l'insara bħalna, b'gieħ u kîma lill'Imkaddsa Omm Alla, fit-tieni jum ta Frâr, gheluk l'erbghin jum fuk it-tŭielîd ta Cristu Sidna.

Il chelma CANDLORA, gejja mit-tberîc tax-xàma (*candele*) fejn imbghad issir purcissjoni geŭŭa il cnisja jeŭ madŭar iz-zuntier, fil ghodŭa ta dan il jum.

Ikassmu, imbghad, fîd-djar ix-xàma li icun fiħ fit-tarf t'isfel ix-xbiħa tal Madonna imnakkxa bis-smontor, biex dan ix-xama imbierec jingharaf mill'ieħor li nghidulu tal baliena; u l'insara iżommûħ bħal ħaġa l'actar ghażiża. Dan ix-xama jitkassam lill ħbieb jeŭ jatuħ bħala turija ta kima u ta ħlâs lil daŭc collha li ma tulec ja sèna icunu ghenu rŭieħħom mill'aħjar li setghu jeŭ taŭ xi flûs ghall xi bìni, jeŭ ghal xi tiżjin tal parroċċa fejn icunu jokoghdu.

Haŭn draŭŭa ucoll li il Cappillani ta Malta collha, f'dal jum, jeŭ l'ghâda, jatu lill'Iskof u lill Gvernatur xemgha ta ratal cull ŭieħed. Imma ghandcom tcunu tafu illi ixxemgha li jeħdu ghand il Gvernatur tcun imbierca biss mita dan jeħsel jinżirta icun tad-Dìn taghna (Cattolicu).

Din id-draŭŭa, jigifieri li jatu xemgha lill'Iskof u lill Gvernatur, gejja minn żmien

il Cavalieri ta San Ġüann, mita lis-Sultan, f'dan il jum, chienu jeħdulu xemgha imbierca: u dan ifisser kima u gieħ mghotijin, chif tabilħakk jistħokkilhom, lill'akūa żeūġ Cbarât (*jigifieri l'Iskof u il Gvernatur*) li ghandhom f'idejjhom it-trigija tal Gżira, seū ta dac collu li ghandu x'jaksam mar-rûħ, chemm ucoll mal gid u is-saħħa tal gisem.

Il ghorrief ħalleūlna bil mictub li d'il festa l'eūūel ma bdeūha chienu ir-Rumani antichi, mita, ma tûl il lejl tal eūūel ta Frâr, chienu joħorġu iduru u jiggerreū mattorok tal belt bix-xàma jixghel bħala turija ta gieħ lill *Februa*, màra tal allàt foloz u omm *Marzu*.

Iżda, fis-sena 684, il Papa Sergju, xeūkan u mimli bil ħrara ghalbiex dejjem icattar iżjed gieħ il Cnisja mkaddsa, fil ūakt li jekred ucoll chemm jista icun il bluhât u il ħmerijet tal gieħ karrieki mghoti lill'allât foloz, iccmanda illi it-tieni jum ta Frar l'insara collha jiġu il cniaja b'xemgha f'idhom, biex hecc iūeġġghu u jatu kìma lill'Omm t'Alla, u Ommna ħanina.

IL CARNIVAL

Bħal bnadijet oħra, il Carnival isîr haūn Malta ucoll. Malli jokrob, jibdeū dlonc iżżjajjar, il baūxati bejn il ħbieb, iż-żfîn, li stedîn, it-tbaħrit, bħas-snîn ta kabel.

Dan il ghors ta ftit ġranet illi idaħħchec, u ifarraġ il kalb min-nichet cbar tas-sena collha, daħħluħ haūn Malta fi żmien il Gran Mastru Pietru del Ponte, fis-sena 1535.

Il Gran Mastru Lascaris, li chienu talbuħ, chif jaħsbu bosta nies, il Patrijet Giżūiti, ħareġ bandu fis-sena 1639, biex ebda màra ma tista tilbes il mascra, u l'inkas ma tmur tîatru fit-tliet ijem tal Carnival. Din il ligi kajjmet ghageb u frattarija cbira cbira; u dan is-Sultan, hecc chif rà li gejj it-taħūid sħiħ u il kiegha sejjra tisħon ġmielha, ħaseb li aħjar ma jindaħalx bejn il basla u koxritha, u bil ghakal collu ħalla ix-xini jimxi ghall genbu, minghajr ma indaħal f'xejn, bħallichiecu ried ifisser ruħu: *l'iblaħ aktghalu biċċa minn dejlec u erħilu*.

Fis-sena 1846, Sir Patrick Start, li dac iżżmien chien Gvernatur ta Malta, dehirlu u ūaħħal f'rasu li ghandu inakkas ġurnata mittliet ijem tal Carnival, u ma iħalli ebda maħluk jilbes ta mascarât nhar il Ħadd, l'eūūel ġurnata. Fuk hecc, plejtu li ma nghidlecx, ġlied, rvell, sarâr u ghakkux bejn il poplu u il pulizija. Il Gvernatur, malli intebaħ li il biċċa m'hix ta b'xejn, biex jeħles minn ħafna ghali, taħbit u csîr ir-râs, raġa ħalla collox chif chien kàbel.

Il Carnival haūn Malta jibda is-Sibt u jispiċċa nhar it-Tlieta ta kabel ir-Randan. Jibda fil ghodu bil *Parata*. Din ghandu icun fiha tletin rûħ, lebsin biċċa minnhom ta Toroc u il bkija ta *Güerrieri eūropej*. Ilcoll igibu xabla tal injam.

Il *Parata* bdiet issîr bħala tifchira tarrebħa cbira li il Maltin giebu fuk it-Toroc, is-sena 1565, u ghalhecc hi antica ūisk.

Fi ctieb bl'ingliż, jismu *Maūra sal Grecja*, ta Dr. Chandler, fil faċċata 133, insîb mictubin daūn il chelmiet li ghandhom x'jaksmu ūisk mal Parata taghna:

«Katgha Gharab u Ħaggieġa siūed, ūara li kalghu il ħelsien minn tal jasar taħħom, marru jghammru f'Ateni; hemmhecc chienu jaghmlu cull sèna ghors cbir scond id-draūūiet taghħhom. In-nisa chienu jiżfnu daūūaramejt bil bsaten f'idejhom, u jitilku żeūġżeūġ sa ma jiġu paċċafront ta xulxin, u iħabbtu il ħtûr (*l'ghudiet*) fuk irjushom, u ighannu b'leħen kaūūî ma cull dakka.»

Ūara nofs-inhar, erħilhom b'xi banda irrabiata iduru mal Belt, ma Bormla, il Birgu, u l'Isla. It-tfâl, ktajja ktajja, l'actar tal Mandraġġ u tal Arcipielgu, b'ūiċċhom imghermed bil ġmied tal borma u lebsin ċūielaħ u katta tmontox, biex idaħħcu u iġaghlu innies tħâres lejhom, jiggerreū u ixufu mal ħarât b'ħafna sfafar, tnabar u laned tal petrolju, itambru u iżarżru heec, illi jitturżuntaūlec ūidnejc, trid jeū ma tridx.

Tul it-tliet ijem l'oħra tal Carnival,—il Ħadd, it-Tnejn u it-Tlieta—fl'ibliet, l'actar ūara nofs in-nhar, l'ghors u ix-xalar tan-nies ma jakta xejn. L'isbaħ u l'ghona ilbies tal mascarati taraħ fuk in-nies tal Belt. Xi katgha żghażaħ, ghalbiex ighajjbu u ighaddu iż-żmien bin-nies (*satiri*) ma jibkghux l'ura inkas.

Xi migimgha tfâl tal ischejjel, biex jinbxu u jiżżuffiettaū b'chemm nies jaraū, ħalli ghalihom fil Carnival! Nies iduru ġo 'l carrozzini bla sakaf, u fuk il carrettuni imżejjnin, ma Strada Rjali, it-triek tal Armirall, Strada Mercanti, u it-triek tas-Siggijiet, tara bil cotra. Il *perlini* jitfghuhom bir-radam u bħax-xita tħażżak: u ghalhecc il Pulizija, ta cull sèna, tgharraf u tūiddeb bil mictub sabiex ma jinxteħtux *perlini* u ħūejjeġ oħrajn li bihom jistghu icorru in-nies. U inkas ma chienet l'eūūel darba, li xi ħadd, kalbu giefja bħal ħaġra samma, ūaddab *perlini* cbar bil fehma ħażina li jaghmel il ħsâra, u darab il dac li icun. Ghalihom, x'uħud, xħin jeclu x'icla ħabs jeū lè, cicu u bricu: iżda ghaliex ma jiftacrux ftit fi kūiel busnannijetna, illi ighid: *dac li ma tridx lilec, ma tridx ll'ghajrec?*

Jinghad illi il Carnival chellu il bidu tieghu minn certu ghors li chien isir Ruma ghall ħabta ta nofs Dicembru, ghal xi tliet ijem jeū iżjed, biż-żieda illi chienet saret ta ghors ieħor, xalar u tbaħrit jisimhom *Sigillaria, Saturnalia, Supercatia* u *Baccanalia*, bħalma ighallmuna bil mictub bosta ghorrief taż-żmenijet l'imghoddijin.

DUN GIUŻEPP FARRUGIA, *Cappillan*.

# Mil Brażil:—

A Sifiliano Farrugia
Sda. S. Catarina
C. Gudia-Malta.

Ghaziz Ġbin,

Illum li ninsabu fil fgili tal Festi tal'ahhar tas-sena, u irnexxili li nithol fil belt fein insîb min jictibli di littra bil malti u mux bil Purtughis li culium inhabtu uiċċna mighu, nibghat inselli ghalicom ilcol u nibghaatilcom il festi ittaiba min geuua il Brazil, li forsi jaslulcom ftit tard; hudu ftit tal pacenzia ghax naghmel chif nista u mux chif irrit.

Kiet nahdem f'fabrica tal Madum ien u it-tifel, nakilghou circa ta 10 xelini cul jum u keghdin uisk cuntenti. Inselli ghal culhat. Mananni u itfal kaujin u shah u isellu ucol ghalicom.

Jec ghadec bi! volontà li tigi ibghat gheidli; jec ma ghandicx biex tigi, jeu inhallaslec, nibghatlec passag franc min haun u ma ghandec tahseb xein. Fuk dac li kedin igheidu ua collu veru, imma jinganna ruhu min irit; ghaliex il ftit li aħna u ghamilna chif kalilna il Perit Borg Falzun, sibna ruhna tajep u ninsabu uisk cuntenti.

Jec tigi, ixxoghol lest, u ninzlu jen u il Perit biex nilkghuc f'Santos.

Jec tista, ehlisni min dic il facenda li halleitec incaricat minna.

Niraccmandalec li tithajar tigi, xoghol aun bil bosta.

Jena hu il ghaziz ġbinec
TONI MUSCAT.

*Zieda*—Jec tmur il belt ghaddi ghant it tabib Manchè, fuk Puturial, u atieh il festi taiba u gharfu b'din il-littra u li ninsab tajep u cuntent.

Jec tithajar tigi gib ittifel tighac Giuseppi. Sahha uisk.

## Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.

## "Id-Dnub ma jorkodx"

(jeū il *Ħalliel*)

—

Dina il Cummiedja socjali tas-Sur Fleri giet irrappresentata f'li msemmi Teatrin nhar il Ħadd, 26 ta Jannar; u ghandna pjacir nghidu illi l'esecuzjoni taħħa chienet tajjba tas-seū u cullħadd sata jitghaxxak bil ġmiel ta dic is-sabiħa produzjoni.

Is-Sur Argento, fil parti ta *Giacominu*, gharaf jimita ūisk tajjeb il ghamil tal ħalliel goff tat-tigieġ; is-Sur De Sani, fil parti ta *Ferdinandu*, gharaf jimita mhux ħażin il ghamil tal ħalliel civil; is-Sur Cumbo, fil parti ta *Marianna*, żamm tajjeb ħafna il carattru ta mara dejjem kalbha seūda ghax fil miserja; is-Sur Dimech ghamel tajjeb il parti ta *Segretarju ta Ferdinandu* u tajjeb ucoll is-Sur Cassar fil parti tal *Lucandier*.

Natu *prosit* lil cullħadd u billi dina chienet l'aħħar rappresentazjoni, ghax fir-Randan ma isirux bħal daūn, irridu natu *prosit* ucoll, ghaliex tas-seū jistħokklu, lis-Sur Spiru Cassar, Suggeritur tal Cumpanija *La Cancordia*, chif ucoll lis-Sur Carmelu Farrugia, li ghamel dejjem ta buttafora. Arrivederci ghall Ghid!

VERAX.

---

✝

Nhar l'erbgha li ghaddeū, fuk nofs innhar, miet, il Furiana, ta 53 sena, is-Sur

SANDER MONTANARU,

ragel religjus u minn taghna, li chien maħbub minn cull-ħadd ghall'imgieba ħelūa tieghu, mal cbar u maż-żghar.

Chien ūieħed mill'aħjar Impiegati tal Gvern u chellu 32 sena servizz.

Itolbu ll'Alla ghall mistrieħ ta ruħu.

ID-DIREZZJONI.

—Mietet, in-Naxxar, ta 72 sena, nhar il ħadd, 26 ta jannar, fis-6 ta fil ghodu, is-Sinjura

CARMELA DEBONU,

omm Dun Fortunat, tal Missjoni il Cbira, u Dun Ġūann Debonu. Chienet tigi oħt Monsinjur Canôncu Dun Luka Żammit u in-Nutar Manūeli-Piju Debonu hu ucoll binha. Mietet, chif ghaxet dejjem, bi ħsiebha f'Alla u bid-daħca f'fommha, imfarrġa mir-Religjon u imdaūūra b'uliedha. Chienet ūaħda mil Karrejja tal *Ħabib* u chienet tħobb takraħ lil ħadd-ieħor: daūn collha, mela, ghandhom id-dmir li jitolbu ghall mistrieħ ta ruħha.

A. P. L.

—Is-Sinjura ROSA, armla tan-negoziant ŪENZU MIFSUD, mara li ghaddiet ħajjitha fl'imħabba ta uliedha u fid-dmir taghħa ta nisranija, mietet haūn il Belt fil 31 ta Jannar 1913.

Nitolbu il mistrieħ ta deijem ghar-ruħ taghħa.

E. A. M.

---

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

—

MISTOKSIJA.

B'cunsonanti bejn żeūġ noti,
liema ħuta tieħu 'l voti?

L. F.

L'aħħar *Monoverb* chien:—MAKRUT.

Ma giebuħx ħlief is-Sinjura Caterina Borġ mil Belt u *Nardonis* minn tas-Sliema.

---

MIL LUCERNA TAL ĦAJJA.—44 Icun mekjus lilec chif tcun kist lil ħadd-ieħor: maħfra b'maħfra, vendetta b'vendetta.